MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 202/2014

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Smith Edward Bryan William James K.I. 61253(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u wieħed u disgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€791.65), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (A/C 40172392), u li jinkludi telefon 21386045; servizz ta' televiżjoni 1425119797, u servizz ta' internet.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' seba' mija u wieħed u disgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€791.65), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 ta' Ġunju 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi nnumerata 1262/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------